KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

TAS-SLIEMA

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 82

It-tnejn u tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 25 ta' April 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kristian Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Michael Briguglio | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-17.30 b'din l-Agenda:*

*82.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*82.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*82.5 Rapporti;*
*82.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*82.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*82.8 Mozzjonijiet ;*
*82.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 82.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

82.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera M. Briguglio, D. Muscat kif ukoll ta' N. Castaldi Paris biex jiġu skuzati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li dawn il-Kunsilliera jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

## 82.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

82.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 81 tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

82.2.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 81. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 81_20/03/2018*

## 82.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

82.3.1 Is-Sindku informa li l-laqgħa mal-ELC għada se ssir. Fir-rigward tal-laqgħa mal-kuntrattur dwar in-nuqqassijiet tal-latrini pubbliċi għada ma nstabitx data ghall-laqgha. *Laqgħat mal-kuntratturi*

82.3.2 Is-Sindku informa li saret laqgħa mal-kuntrattur tal-knis dwar in-nuqqasijiet mill-kuntratt. Ġie nnotat li sar progress u l-Kunsillier J. Pillow qal li jista jikkonferma dan. Is-Sindku propona li jiġu rilaxxati l-pagamenti li kienu nzammu *on hold* mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li jinzamm percentaġġ tan-nuqqasijiet li kienu instabu. *Kontijiet gbir ta' skart*

Kien hemm qbil li fuq l-ewwel pagament li kien inzamm (dak ta'

Jannar 2018) jitnaqqas 5% mill-ammont tal-kont filwaqt li dak ta' Frar 2018 jiġi rilaxxat u jitħallas b'mod sħiħ peress li kien hem zviluppi pozittivi wara l-laqgha li saret mal-kuntrattur.

82.3.3 Is-Sindku informa li issa x-xogħol ta' restawr fuq il-pont tlesta. Saret diskussjoni li hemm bzonn li jsir ta' *up lighters*. Is-Segretarju Ezekuttiv issuġġerixxa li jitneħħa l-*iskip* il-blu tal-ħwejjeġ min hdejn il-pont. Jitneħħa ukoll d-*double yellow line* taħt il-pont u jergghu isiru *parking bays*. *Bridge – Manwel Dimech*

Issir plakka li tgharraf dwar l-istorja tal-pont u titpoġġa taħt il-pont stess. Isir *railing* gdid ukoll. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Perit Edward Said u jiddiskuti kif l-aħjar li jsir id-dawl u *railing.* Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk hux dik il-parti ta' Triq Manwel Dimech se tibqa bit-*traffic diversion* kif inhi prezenti. Kien hemm qbil li tibqa kif inhi għaliex it-traffiku miexi aħjar. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jibgħat jirringrazzja lill-ħaddiema u l-perit tar-Restoration Directorate.

82.3.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill għad m'għandux risposta mid-Direttur Generali tad-DLG dwar it-talba li l-Kunsill kien għamel biex il-fondi li ingħataw għall-attivita SAF ma jintiflux u jintuzaw kollha għas-snin 2019-2020. *SAF*

82.3.5 Dwar il-laqgħa li ġiet koordinata ma' l-*Hands On School of Film Makers* dwar l-uzu tax-xelter fi Triq Dingli, il-Kunsill ġie infurmat li din saret. Ġie nnotat li m'hemmx kwantita kbira ta' ilma izda għandu bzonn jitnaddaf. *Xelter – Triq Dingli*

82.3.6 Il-Kunsill ġie infurmat li s-sinjorina Nicole Cutajar se tibda taħdem mil-1 ta' Mejju 2018. *Clerk*

82.3.7 B'referenza għall-punt 81.4.5 dwar RPZ il-Kunsill ġie infurmat li għall-laqgħa li kellha ssir kien hemm prezenti s-Sindku, l-Kunsilliera M. Aquilina, V. Galea Pace u J. Pillow u fost affarijiet oħra ġie diskuss biex tinqasam fi tnejn (il-parti kummerċjali u dik residenzjali). Dik tar-residenzjali tibqa l-istess, izda l-ħin isir jiba mill-4pm sa 9pm u l-Ħadd jiġi eskluz. Il-parti kummercjali (d-dawra tal-bahar biss) ser tibqa kif kienet approvata qabel. *RPZ*

Dawn is-suggerimenti intbgħatu lill-AKL.

82.3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li x-xogħol fi Triq Guze Howard spiċċa. Il-Kunsill se jkun qiegħed jitlob ir-rifuzzjoni tal-ispejjes lill-PA la darba jingabru l-kontijiet kollha relatati. *Triq Guze Howard*

82.3.9 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li beda x-xogħol fi Triq San Trofimu u se tinqasam f'zewġ partijiet. (Phase 1 – Triq Rudolph sa Triq Santa Marija) u (Phase 2 – Triq Santa Marija sa San Piju V). *Triq San Trofimu*

82.3.10 Il-Kunsilliera M. Aqulina fakkret fl-istat ta' Triq Manwel Dimech. Is-Sindku informa li l-Kunsill diġa irrefera din it-triq lill-Gvern bhala prijorita li ghandha tittiehed mill-Awtorita gdida tat-toroq. *Triq Manwel Dimech*

82.3.11 Il-Kunsilliera P. Radmilli irrfera għax-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq San Trofimu u qal li m'hemmx tabelli li jindikaw li qegħdin isiru xogħlijiet mill-Kunsill, li niskuzaw ruħna għall-inkonvenjent u biex dak li jkun jimxi aktar b'attenzjoni. Kien hemm qbil li ssir tabella u tkun bl-arma tal-Kunsill. *Tabelli għal waqt ix-xogħlijiet*

82.3.12 Is-Sindku informa li l-Kunsill kellu stedina minn Bialystok għal tlett minn nies bejn it-22 u l- 24 ta' Gunju 2018. Il-Viċi Sindku fakkar li kien qal li l-Kunsill jistaqsi x'jista jiggwadanja r-resident minn dan it-*twinning*. Is-Sindku informa li l-Kunsillier D. Muscat kien qiegħed jieħu ħsieb dan. Il-Kunsill għandu jibgħat *email* lill-Kunsilliera bid-dati fejn min hu interessat li jmur jinfurmana minnufih. *Stedina minn Bialystok*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-18.53*

82.3.13 Is-Sindku informa li ġie avviċinat mill-Kumitat tal-Ambjent tal-Parroċċa ta' San Girgor fejn talbu biex jieħdu ħsieb xi *soft areas*. Is-Sindku infurmhom li l-Kunsill diġa għandu kuntratt li jieħu ħsieb dan, izda issuġġerixxa li jieħdu ħsieb id-dawra tal-iskola. Kien hemm qbil dwar dan.

82.3.14 Is-Sindku informa li rċieva talba mill-Kumitat tal-Parocca San Girgor biex iħawwlu siġra b'kommemorazzjoni ta' Dun Charles Vella. Kien hemm qbil dwar dan. *Sigra – Komm. Dun Charles Vella*

82.3.15 Is-Sindku informa li kellna ħsara fil-monument tal-gwerra u pprezenta stima ta' Ewro 2700 + VAT. Kien hemm qbil li din tissewwa b'din l-istima li ngiebet mill-istess artist/kumpanija li ghamlet il-monument originarjament. *Monument tal-Gwerra*

82.3.16 Is-Sindku informa li rcieva l-Kunsill stedina oħra mill-Universita ta' Oxford. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw hija interessata u l-Kunsill għandu jibgħat aktar informazzjoni b'*email*. *Stedina Universita Oxford*

82.3.17 Ġie nnotat li qiegħed ikun hemm diversi ħsarat fid-diversi funtani f'Tas-Sliema b'mod konsistenti u dan specjalment min meta l-Gvern nehha l-haddiema ta' manutenzjoni ta' funtani min Tas-Sliema. *Funtani f'Tas-Sliema*

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera V. Galea Pace ġew skuzati mis-seduta fis-19.05 u daħlu lura fis-19.07*

Ghaldaqstant, il-Kunsill talab kwotazzjonijiet biex ikun hemm kumpanija tieħu ħsieb il-funtani kollha permezz ta' *maintenance agreement (parts* mhux inkluzi). It-*Terms of Reference* jinkludu, fost ohrajn, visiti ta' darbtejn f'ġimgħa (fis-Sajf) u darba f'ġimgħa (fix-Xitwa), jiċċekkja l-funzjonijiet tal-pompi u spezzjonjiet oħra kif dettaljat fis-sejha ta' kwotazzjonijiet.

Kien hemm qbil li tintgħazel l-offerta ta' Aquatek Ltd. Sadanittant il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kellha titnaddaf il-funtana z-zghira ta' Pjazza St. Anna mill-ħaddiema tagħna.

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat mis-seduta fis-19.18*

82.3.18 Is-Sindku informa li ġie avviċinat minn *Arts Council* li Villa Schinaz tħalliet wirt lill-Knisja.

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal lura għas-seduta fis-19.22*

Is-Sindku talab li l-Kunsill jibqa jkun aġġornat bid-diskussjonijiet dwar l-izviluppi ta' dan il-post għall-proġett li jista jsir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill bil-fondi tal-UDF. Il-Kunsill qabel fil-principju u li decizjoni ahharija tittiehed la darba jigu stabilliti id-dettalji kollha.

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.26*

## 82.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIER

82.4.1 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar għall-*floodlight* li kellha ssir fuq iz-*zebra crossing* is-Savoy. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-proċess beda u applika għal STL form mal-Enemalta. *Zebra crossing – Savoy*

82.4.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li z-*zebra crossing* tan-naħa ta' fuq ta' Dingli street ma tantx tidher. Il-Kunsillier Pillow qal ukoll li hemm palma ta' fejn iz-*zebra crossing* tax-Xatt fejn Sliema Hotel li qegħda tgħatti l-vizjoni tat-*traffic lights*. Kien hemm qbil li din tiġi trimjata. *Zebra crossing*

82.4.3 Il-Kunsillier J. Pillow irreffera għal 81.8.3 u qal li l-linja tal-GO hija bgħatuta anke ghal-*connection* tal-wifi. Il-Kunsillier Pillow ġibed l-attenzjoni wkoll li l-kaxxi li qegħdin ipoġġu tal-GO qegħdin jingumbraw il-bankini. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikteb lil GO u jinkludi fl-*email* lil CPRD minħabba n-nuqqas ta' aċċessibilita fuq il-bankini. Go plc

82.4.4 Il-Viċi Sindku fakkar li kellha titneħħa *bollard* minn Triq Sant'Antnin (in-naħa tax-xellug). *Bollard*

82.4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill irċieva risposta wara li kellhu laqgħa mal-Ministru Herrera, li n-numru ta' siġar li kienu se jingħataw għall-proġett ta' Triq Dingli mhux se jingħataw fis-sena 2018. Il-Gvern għandu skema li kull sena jintgħazlu sitt Kunsilli fejn jingħataw fondi għal proġetti simili, madankollu dawn is-sitta kienu diġa magħzula għal din is-sena.

Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jistaqsi jekk dan il-progett jistghax isir bil-fondi tal-UDF. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jivverifika dwar dan. Il-Kunsill qabel, li jekk ikun possibli, naplikaw ghall-progett shih permezz tal-fondi UDF.

82.4.6 Il-Kunsillier J. Pillow u P. Radmilli infurmaw li fil-laqgħa li kellhom mal-Ministru Herrera dwar il-manutenzjoni ta' Gnien Bonello Dupuis, il-Gvern qiegħed jikkunsidra biex jgħin bħala kumpens biex jitnaqqas mil-konsum tal-ilma. Għandhom jikkunsidraw jekk jgħinux ukoll biex isir il-*fencing*. Il-kunsiller J. Pillow issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob kumpens għall-ammont ta' funtani li l-Kunsill għandu x'jieħu ħsieb. Il-Kunsill għandu jipprova jitlob dan.

## 82.5 RAPPORTI

82.5.1 Ma kienx hemm aktar rappporti.

**82.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

82.6.1 Fir-rigward tal-kumitat tal-Milied, il-Kunsillier J. Pillow informa li beda l-komunikazzjoni tiegħu mas-Sur Fava li huwa rapprezentant ta' *Sliema Business Community*. *Kumitat- Tizjin tal-MIlied*

82.6.2 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li wara diversi laqgħat se jsir ftehim nhar l-14 ta' Mejju ma' *National Library Agency* li hu relatat mal-proġett – *Homework aid for TCN Parents* u talab lis-Sindku jkun prezenti għal dan. Is-Sindku laqa' din it-talba. *Ftehim National Library Agency*

82.6.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għall-pubblikazzjoni tas-Sliema Times fejn fakkret għaliex hi qatt ma qablet magħha u l-punt tagħha kien li jista jkun hemm element politiku, filfatt fl-aħħar pubblikazzjoni kien hemm Membru Parlamentari li kiteb f'din il-pubblikazzjoni. Is-Sindku qal li pprova jagħmel kuntatt mas-Sliema Times għaliex ried jinfurmhom li jixtieq jinkludi dawk il-membri li kienu kontributuri fil-magazine tal-Kunsill izda ma laħaqx wassal il-messaġġ qabel it-tieni pubblikazzjoni. Is-Sindku qal li minn naħa l-oħra kellu kummenti pozittivi minn residenti oħra dwar din il-gazzetta. *Tas-Sliema Times*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat jitlaq mis-seduta 20.01*

82.6.4 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw proponiet biex triq minn Tas-Sliema tiġi msemmija għal Tony Nichol. Il-Kunsilliera Cassar Shaw issuġġeriet li tkun triq qasira fejn ma taffettwax ħafna residenti li jkollhom jbiddlu l-ID Cards. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipproponi li din t-triq tkun dik li prezentament hi 'Tower Lane'. Il-Kunsill għandu jikteb lis-*Street Naming Committee.* Is-Sindku propona wkoll li jsir il-bust f'dik l-akwata wkoll. Kien hemm qbil dwar dan. *Tony Nichol*

**82.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

82.7.1 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kont tar-*road markings*. Fis-seduta ġie pprezentat il-kont għal kjarifika.

82.7.2 Fir-rigward tal-pagament tal-GO plc, il-Kunsillier J. Pillow fakkar li l-Kunsill iħallas għal wifi u xorta meta titla l-*connection* jindika lil pubbliku li l-*connection* qegħda tingħata b'xejn mil-MCA. Il-Kunsill

għandu jara dwar dan.

82.7.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal pagament numru 61 tal-Med Developers rigward xogħol ta' *patching* li sar fi Triq it-Torri. Il-Kunsillier Pillow qal li xoghol ta' contract management hawn mhux vera sar. Kien hemm qbil li dan il-kont ma jitħallasx.

82.7.4 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li ħafna mit-toroq qegħin fi stat ħazin, u hemm bzonn li jsir xi ħaġa għaliex il-kuntratturi iħallsu għal *road contribution* u l-Kunsill mhux qiegħed jieħu minn dawn il-fondi.

82.7.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-pagament numru 76 fejn talab biex dan il-kont jiġi rivedut għaliex fil-laqgħa li kien attenda, l-avukat ma kienx dam wisq. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li xorta wahda tkun saret ir-riċerka necessarja u dan il-pagament mhux biss talli attenda laqgha. Kien hemm qbil li l-pagment jinzamm u jintalab biex jiġi rivedut.

82.7.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet. Il-Kunsilliera P. Radmilli propona l-approvazzjoni. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil mill-Kunsill u l-pagamenti kollha (minbarra numri 61 u 76 ) ġew approvati.

*Approvazzjoni tal-pagamenti*

**82.8 MOZZJONIJIET**

82.8.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**82.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

82.9.1 Is-seduta ntemmet fit-20.30 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar il-Ħamis 24 ta' Mejju 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 24/05/2018

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**